**Minn dak li għedtli**

Smajtek titkellem
Għollejtli l-moral,
Rajtlek tbissima
Kliemek fija nħall.

Meta xtarrejtu
Sibt l'Alla ħanin,
Li jħobb lill-bniedem
Iridu ġenwin.

Għallimtni naħfer
U nħenn għal kulħadd,
Għax qalbek safja
Ma taf tobgħod qatt.

Mbilli jitlagħlek
Ftakar int bniedma,
Inħossha l'qalbek
Sinċiera w niedma.

Il-barka t'Alla
Fuqhekk qed tistrieħ,
Ibqa' miftuħa
Ghal Kristu, ghix fih.

Ibqa' dawl jiddi
Għal min hu muġugħ,
Kliemek hu tama
Għal min wisq ħaqruh.

Ngħożż li qsamt miegħi
Il-ferħ int xegħltli,
Tfajtli tbissima
Minn dak li għedtli.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.